MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tad-19 ta' Novembru, 2008

Rikors Numru. 754/2008

**Fl-atti tal-Mandat ta' Qbid Numru 848/2008GC fl-ismijiet:**

**Avukat Dr. Franco Galea Bhala mandatarju specjali tas-socjeta` estera Eudorex S.R.L. ID Card 402281 (M)**

**vs.**

**P & K Caruana Co Ltd C – 34925 u Patrick Caruana ID Card 210571 (M).**

**Il-Qorti,**

## <u>I. PRELIMINARI.</u>

Rat ir-rikors tar-rikorrenti odjerni P&K Caruana Co Ltd (C – 34925) u Patrick Caruana (ID Card 210571 (M)) datat 24 ta' Lulju 2008 a fol. 1 tal-process fejn esponew:-

Illi fit-3 ta’ Gunju 2008 din l-Onorabbli Qorti laqghet it-talba tal-Avukat Dr. Franco Galea bhala mandatarju specjali tas-socjeta` estera Eudorex S.R.L. ID Card 402281 (M) ghall-hrug ta’ dan il-mandat;

Illi sussegwentement pero`, wara li semghet lill-partijiet fl-atti ta’ mandat ta’ inibizzjoni fl-istess ismijiet (numru 846/08GC), b’digriet tas-17 ta’ Gunju 2008 din l-istess Qorti cahdet it-talba ghall-hrug tal-Mandat ta’ Inibizzjoni “minhabba l-fatt li ma jirrizulta ebda ksur tal-provedimenti relattivi tal-**Kap 416 tal-Kodici Kummercjali** u minhabba wkoll li ma jirrizulta ebda dritt tar-rikorrenti li ghandu jigi protett” – ara Dok. “A”;

Illi hu car ghalhekk li ghandu jservi li dan il-mandat jigi revokat ghar-ragunijiet indikati fl-**artikolu 836 (1) (d) tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili, Kapitolu 12 tal-Edizzjoni Riveduta tal-Ligijiet ta’ Malta** peress li jirrizulta fuq bazi *prima facie* li l-intimat *nomine* m’ ghandux jeddijiet x’jittutela fil-konfront tal-esponenti;

Ghaldaqstant, u *in vista* tal-**artikolu 83(1) (d) tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili, Kapitolu 12 tal-Edizzjoni Riveduta tal-Ligijiet ta’ Malta**, l-esponenti umilment jitolbu li din il-Qorti joghgobha tordna r-revoka *in toto* tal-mandat ta’ qbid numru 848/08 GC.

Bl-ispejjez kontra l-intimat *nomine*.

Rat id-dokument immarkat bhal Dok. “A” a fol. 2 tal-process.

Rat id-digriet tat-13 ta’ Awwissu a fol. 4 tal-process fejn il-Qorti appuntat ir-rikors ghas-smigh ghat-Tlieta 7 ta’ Ottubru 2008.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti fis-7 ta’ Ottubru 2008 fejn meta ssejhet il-kawza dehru Dr. Franco Galea ghas-socjeta` intimata odjerna li pprezenta nota b’erba’ dokumenti *seduta stante* u deher Dr. Luigi Sansone ghar-rikorrenti. Id-difensuri qablu li l-oggetti in kwistjoni huma *‘cleaning products’* li *sample* taghhom

jinsab esebit fl-atti tal-kawza bejn il-partijiet (RG 638/08) u l-marka li qed tigi uzata llum giet esebita man-nota li ghadha mhix fil-process. Il-Qorti nnotat li l-att kawtelatorju li qed jigi mpunjat mhux fil-process u Dr. Sansone esebixxa kopja nformali tal-istess. Dr. Franco Galea rrileva li fil-mument li hareg il-mandat kien hemm biss applikazzjoni tar-reregistrazzjoni tat-*trademark* li llum giet effettivament regsitrata b' effett mit-12 ta' Mejju 2008 u dan jirrizulta mid-dokumenti esebiti f'dawn l-atti. Id-difensuri trattaw il-kaz. Il-kawza giet differita ghall-provediment finali ghad-19 ta' Novembru 2008.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi dan ir-rikors sar skond id-disposizzjonijniet tal-**artikolu 836 tal-Kap 12** li jipprovdi li:-

***"836.*** *(1) Minghajr ebda pregudizzju ghal kull jedd iehor taht dan il-Kodici jew kull ligi ohra, l-intimat li jkun inhareg att kawtelatorju kontrih jista' jaghmel rikors lill-qorti li tkun harget l- att kawtelatorju, jew inkella, jekk tkun saret kawza, jista' jaghmel rikors lill-qorti li tkun qeghda tittratta dik il-kawza li fih jitlob li l- att kawtelatorju jigi revokat, sew ghal kollox jew f'parti minnu, ghal xi wahda minn dawn ir-ragunijiet li gejjin:-*

Illi fost ir-ragunijiet imsemmija hemm dawk a bazi tal-**artikolu 836 (1) (d)** li jipprovdi li:-

*(d) jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie gustifikat jew ikun eccessiv;*

Illi fid-digriet **"Joseph Camilleri et vs Anthony Gove' et"** (P.A.(RCP) 10 ta' Mejju 2001 – Rikors Numru 286/2001/RCP) u **"Josephine Sammut vs Emanuel Sammut et"** (P.A. (RCP) 29 ta' Novembru 2001 inghad

ukoll *"li mid-disposizzjoni tal-istess* **artikolu 836** *jidher li l-unika ezami li trid taghmel din il-Qorti huwa dak biss ta' prima facie, u dan ghaliex il-mertu kollu jigi nvestigat fil-kawza propja bejn il-partijiet, u ghalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-ezami li trid taghmel l-Qorti f'dan l-istadju, u dan tenut kont li hawn si tratta dejjem ta' procedura preliminari, li ghad qed tistenna l-ezitu finali tal-kawza proprija".*

Illi fil-fatt jista' jinghad li dak li trid taghmel il-Qorti f'din il-procedura huwa biss sabiex tezamina *prima facie* jekk min hareg il-mandat kellux pretensjoni legali ghall-istess, u dan indipendentement jekk tali pretensjoni hijiex fondata jew le, peress li dan l-ahhar ezami jifforma l-mertu tal-kawza, li din il-Qorti bil-procedura premessa, ovvjament ghandha thalli fil-gudizzju taghha, jew ta' Qorti ohra, ghall-ezitu tal-kawza. **("P.J. Sutters Company Limited vs Concept Limited"** – P.A. RCP. 10 ta' Mejju 2001; **"Visa Investments Ltd vs Blye Engineering Co. Ltd"** P.A. RCP. 7 ta' Frar 2001).

Illi dan gie ribadit fid-decizjoni **"Theresa Mangion Galea vs Desmond Stanley Stewart"** (P.A. (JRM) – 29 ta' Lulju 2005 fejn inghad li l-istharrig li jrid isir f'tali proceduri huwa biss wiehed ta' *prima facie* u dan ghaliex il-mertu ghandu jigi deciz biss fil-kawza proprja bejn il-partijiet, b'hekk li l-mertu tal-kwistjoni bejn il-partijiet ma ghandux jigi mifli, ghaliex dan jispetta biss lill-Qorti li quddiemha ssir il-kawza u ovvjamwent fl-atti tal-istess kawza; b'hekk *"l-istharrig mehtieg fi procedura bhal din huwa marbut ma' ezami x'aktarx formali tal-att li tieghu qed jintalab it-thassir. Il-Qorti ghandha tistharreg li r-rekwiziti mitluba mill-ligi ghall-hrug tal-Mandat jidhru mill-att innifsu u li dan ma nharigx b'mod abbusiv".*

Illi fid-decizjoni **"Casino-For-Me Limited vs Chartwell Games (Malta) Limited"** (P.A. (A.L) 5 ta' Settembru 2008) inghad li bid-disposizzjoni tal-**artikolu 836 (1) (d)** dak li ghandu jigi ezaminat huwa jekk mad-daqqa ta' ghajn ir-rikorrenti ezekutant ghandux bazi ta' pretensjoni ("*fumus juris")* u jekk dan iwassalx ghas-somma indikata fl-istess mandat, b'dan li wiehed ma ghandu qatt jinsa li

f'dan il-kuntest, il-Qorti ghandha tigi gwidata bil-principju li d-dritt ta' azzjoni m'ghandhux jigi mfixkel jew imwarrab, jekk mhux eleminat, b'tant facilita' jew leggerezza, u wkoll li persuna ghandha dritt li tikkawtela l-interessi taghha u dan sakemm il-pretensjoni dwar id-dritt sostantattiv tigi eppurata u deciza fil-kawza proprja bejn il-partijiet.

Illi applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami jirrizulta li sar mandat ta' qbid mis-socjeta' intimata odjerna fl-ammont €23,293.73 li jirrapprezentaw danni allegatament sofferti mis-socjeta' Eudorex S.R.L. bhala proprjetarja tat-trademark "PANOPELL" u in kawtela tad-drittijiet spettanti l-istess naxxenti mill-uzu tal-marka "PANELL" mir-rikorrenti odjerni u dan bi vjolazzjoni tal-**artikolu 32 tal-Kap. 13 u** dawk taht il-**Kap 416** u dan il-mandat gie esegwit fuq l-oggetti kollha mobbli li jgibu l-marka "PANELL" fil-fond indikat fl-istess Mandat.

Illi l-Qorti nnuttat li fit-23 ta' Gunju 2008 is-socjeta' intimata odjerna segwiet l-istess mandat kawtelatorju b'kawza kontra l-istess rikorrenti odjerni (RG 638/2008), liema kawza hija pendenti quddiem din il-Qorti kif presjeduta, u mill-atti tal-mandat kawtelatorju jidher li l-istess socjeta' intimata qed tilmenta kemm li d-drittijiet taghha ta' proprjeta' fuq l-istess marka qed jigu miksura u wkoll li bl-uzu ta' l-isem "PANELL" mir-rikorrenti dawn qed joholqu konfuzjoni fis-suq mal-prodotti tal-marka "PANOPELL" iddistribwiti mis-socjeta' intimata f'Malta minn certu zmien b'dan li b'hekk li r-rikorrenti odjerni qed jagixxu b'konkorrenza sleali fil-konfront taghha. F'dawn il-proceduri jidher li l-partijiet qablu li l-oggetti in kwistjoni huma *'cleaning products'* u li l-marka li qed tigi uzata llum hija dik bl-isem ta' "POLITEX".

Illi din il-Qorti thoss li jidher l-mandat ta' qbid huwa wkoll ibbazat fuq l-**artikolu 32 tal-Kap. 13** u din l-azzjoni hija ben differenti minn azzjoni ta' impunjazzjoni ta' registrazzjoni ta' marka tal-kummerc jew *trade mark* **("Francis Busuttil & Sons Ltd. vs Paolo Bonnici Ltd"** - P.A. (RCP) – 16 ta' Novembru 1999; **"L-Avukat Dr. Rene' Frendo nomine vs Albert W. Salamone"** A. C. – 24 ta' April 1998; u **"Av. Dr. Pio Valletta vs Peter**

**Muscat Scerri"** (A.K. 15 ta' Frar 1995 – LXXIX.ii.812) tant li f'kaz ta' azzjoni ta' konkorrenza sleali l-iskop tal-ligi huwa li taghti protezzjoni kemm lin-negozju ta' min juza l-istess marka, sinjal jew sinjal distintiv u wkoll lill-konsumatur li jkun jaf verament x'qed jixtri u ma' min qed jitratta u din l-azzjoni hija ghalhekk indipendenti mir-registrazzjoni ta' marka tal-kummerc u oggezzjoni dwar l-istess li tista' ssir taht id-disposizzjonijiet tal-**Kap. 416.** Fil-fatt l-**artikolu 32 tal-Kap. 13** jipprovdi ghall protezzjoni ta' marka, isem jew sinjal distintiv anke jekk mhux irregistrat skond l-Att dwar it-Trademarks jekk issir uzu ta' isem, marka jew sinjal distintiv iehor li jista' jgib tahwid ma' l-uzu ta' l-istess. Jidher li l-mandat kawtelatorju huwa bbazat ukoll fuq din id-disposizzjoni, u din il-Qorti thoss li jekk wiehed ihares u jiehu konsiderazzjoni tal-istess att kawtelatorju jirrizulta li ma jistax jinghad li l-hrug tal-istess mandat ma huwiex *prima facie* gustifikat; dan ma jfissirx l-azzjoni tas-socjeta' intimata odjerna ser tirnexxi u dan ghaliex il-punt dwar il-mertu ghandu jigi deciz biss fil-kawza u mhux f'dan l-istadju u din il-Qorti qed toqghod attenta sabiex ma tinvestix il-mertu tal-azzjoni bejn il-partijiet; li qed tghid ghalhekk din il-Qorti huwa biss li f'istadju tal-hrug tal-istess mandat ta' qbid jirrizulta li s-socjeta' intimata odjerna kellha bazi legali mad-daqqa ta' ghajn sabiex tagixxi kif agixxiet bl-istess mandat kawtelatorju u l-kwistjoni dwar il-mertu ser tigi deciza biss fil-kawza bejn l-istess partijiet u ghalhekk it-talba tar-rikorrenti odjerni qed tigi michuda.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' in-nota tas-socjeta' intimata odjerna datata 6 ta' Ottubru 2008 biss in kwantu l-istess hija konsistenti ma' dak hawn premess, **tichad it-talba tar-rikorrenti datata 24 ta' Lulju 2008** ghaliex hija infondata fil-fatt u fid-dritt.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------